**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 5 ta' Ottubru, 2016**

Numru 9

**Rikors Guramentat Nru. 179/2011**

**Karen Vella Sciberras**

**vs**

**Fiona mart Vincent Bondin u l-istess Vincent Bondin**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tat-22 ta' Frar 2011 li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrenti, li hija spizjara, hija wkoll sid l-ispizerija maghrufa bhala The Cross Pharmacy numru 859, Triq Kbira San Guzepp gewwa l-Hamrun, f'liema spizerija r-rikorrenti tuzah ukoll bhala beauty therapy centre u ilha tigestixxi l-istess spizerija kemm bhala tali kif ukoll bhala beauty centre bhala sid ghal tmien snin u fuqhom.

2. Illi f'Novembru tas-sena 2008, ir-rikorrenti kienet impjegat maghha bhala sales girl fl-imsemmija spizerija u beauty centre lill-intimata Fiona Bondin.

3. Illi qabel ma giet impjegata l-intimata kif fuq intqal, ir-rikorrenti dejjem kellha impjegati maghha sales girls ohrajn u fil-perijodu minn meta bdiet topera l-ispizerija u beauty centre sakemm impjegat maghha lill-intimata, l-ispizerija u l-beauty centre, sena wara sena, dejjem irregistratraw zieda kemm fuq is-sales kif ukoll fuq il-profitti kif jigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

4. Illi malli giet impjegata l-intimata bhala sales girl, ir-rikorrenti bdiet tinnota illi ghalkemm il-klijentela taghha baqghat dejjem tizdied u ghalkemm ix-xiri tal-stocks tal-ispizerija komplew jirregistraw zieda ghal xi raguni jew ohra l-bejgh u/jew l-introjtu tal-ispizerija u l-beauty centre, mhux talli ma rregistrax l-istess zieda izda beda jonqos u jonqos sostanzjalment tant illi fejn qabel l-ispizerija u l-beauty centre kienu iddawwru qliegh b'mod illi r-rikorrenti qatt ma kienet tohrog flus biex titfa' gewwa l-

kont bankarju tan-negozju taghha, bdiet regolarment tinqala' l-htiega illi r-rikorrenti titfa' flejjes gewwa l-kont bankarju operat mill-imsemmi negozju billi dan il-kont flok jizdied bhal ma kien jaghmel qabel, jew jibqa' piu o rneno fl-istess ilma, beda jonqos u jonqos sostanzjalment.

5. Illi r-rikorrenti kellha fiducja ghamja fl-intimata tant illi ghal hafna zmien qatt ma dahlilha f'mohha li setghat kienet l-impjegata taghha, cioe l-intimata, li kienet qed timizapproprja l-flejjes li ddahhal l-ispizerija u l-beauty centre mill-bejgh ta' kuljum kif lanqas dahlilha suspett li l-intimata kienet sahansitra qed tisraqilha l-istock; ir-relazzjoni li kienet dejjem tesisti qabel ftit xhur ilu, bejn ir-rikorrenti u l-intimata kienet wahda prattikament ta' membri tal-istess familja.

6. Illi l-accountant tar-rikorrenti, li bhar-rikorrenti kien dejjem mhedi fuq xoghlu baqgha ghal hafna zmien jipprova jsib raguni ghad-diskrepanzi li beda jara kif fuq intqal u kien biss f'dawn l-ahhar xhur illi kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-accountant taghha hadu l-briga li jippozzizjonaw gewwa l-ispizerija CCTV cameras li permezz taghhom ir-rikorrenti u l-accountant taghha setghu janalizzaw jekk id-diskrepanzi kienux gejjin minn serq li kienu qed jaghmlu l-klijenti tal-ispizerija jew setghetx kienet l-intimata stess il-kagun ta' dawn id-diskrepanzi.

7. Illi wara diversi gimghat fejn dawn il-cameras gibdu lill-intimata timmizappropja ta' kuljum mijiet kbar ta' ewro kif ukoll li tnehhi minn fuq l-ixkaffef tal-ispizerija stock li jkun ghal bejgh u minflok li tbieghu titfghu fil-handbag taghha u tohrog bih minghajr ma thallas ghalih, kif ukoll li tonqos regolarment u ta' kuljum li tippancja l-bejgh li tkun ghamlet u minflok iddahhal il-flus tal-bejgh f'butha, ir-rikorrenti ghaddiet biex taghmel rapport lill-Pulizija Ezekuttiva fejn ghadditilhom DVDs ta' dak li kien ilu jirregistra ic-CCTV fuq imsemmi ghal diversi gimghat u fejn fih tidher bl-izjed mod car u inekwivoku l-intimata tghodd l-eluf ta' ewro li serqet minghand l-employer taghha kollox kif jigi spjegat iktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

8. IIli t-taqsima tal-Fraud Squad, tas-CID tal-Pulizja Ezekuttiva, wara illi lilha giet mghoddija l-evidenza fuq riferita kienet arrestat lill-intimata u kienet ghamlet search fil-proprjeta taghha u ta' zewgha, l-intimat l-iehor jew minnhom posseduti fejn instabu diversi oggetti li kienu mehuda mill-intimata illegalment u b'mod kriminuz u fejn ukoll l-intimata kienet ammettiet mal-Pulizja li hija fil-fatt kienet hadet diversi flejjes mit-till tal-cash register kif ukoll ma kinitx rregistrat diversi atti ta' bejgh u li kienet ukoll serqet stocks mill-ispizerija kollox kif jidher car fid-DVD lilha murija.

9. Illi l-intimata pero jidher li ammettiet biss is-serq li kienet ghamlet u li ma setghetx ma tammettiex ghalih minhabba d-DVDs imsemmija pero cahdet illi s-serq li kienet qed taghmel kien ilu jsir minnha sa mill-bidu nett tal-impjieg taghha mar-rikorrenti.

10. Illi minhabba din ic-cahda u wkoll minhabba li wara li r-rikorrenti skopriet bit-telf li kienet qed taghmel l-ispizerija hija inkarigat lil accountant taghha biex jaghmel rapport tal-istocks kollha li gew mixtrija minn meta dahlet tahdem l-intimata mar-rikorrenti, il-bejgh li sar matul dak iz-zmien u/jew il-progress li kienet ghamlet u ghadha qed taghmel l-ispizerija fix-xiri ta' stocks anke fiz-zmien meta ma kinitx ghadha mpjegata l-intimata mar-rikorrenti, sabiex permezz tal-istess rapport tkun tista' tohrog cifra tal-ammont illi gie misruq jew b'mod iehor mittiehed illegalment mill-intimata b'dannu ghar-rikorrenti. Dan ir-rapport li ghalkemm sar kwazi x-xoghol kollu

fuq, ghadu ma giex ikkompletat u ghaldaqstant ma setghax jigi anness f'dan l-istadju, wassal lil accountant tar-rikorrenti jikkonkludi li l-figura mehuda illegalment u b'mod kriminuz mill-intimata hija cifra li tlahhaq sitt figuri.

11. Illi interpellata taghmel tajjeb ghad-danni kollha minnha kkagunati lir-rikorrenti permezz ta' talba maghmula mill-avukat ta' fiducja taghha lill-avukat ta' fiducja tal-intimata, dan tal-ahhar insista illi la darba l-provi permezz tad-DVD kienu jirrigwardaw is-serq li sar biss fiz-zmien minn meta is-CCTV gie nstallat, sad-data tal-arrest tal-intimata, ir-rikorrenti ma kellha l-ebda triq ohra hlief li tistitwixxi dawn il-proceduri.

12. Illi zewgt l-intimata, parti wkoll f'din il-kawza bhala intimat, ma setghax ma kienx konsapevoli u ghalhekk komplici ma' martu f'dan is-serq ukoll minhabba l-fatt illi huwa mpjegat ma' socjeta kummercjali li sidha jigi missier martu u li mieghu u ma' din is-socjeta Vincent Bondin jahdem bhala deliveryman, jikkonsenja u jqassam prodotti farmasewtici ezatt kif taghmel l-ispizerija gestita mir-rikorrenti. Hekk ukoll ma setghax ma kienx komplici ma' martu l-intimat Vincent Bondin meta f'dawn l-ahhar xhur flimkien ma' martu xtara diversi oggetti ta' valur bhal Toyota convertible, Plat Station, kelb tar-razza li jiswa' hafna flus, electric guitar, xtrat hafna debbijiet, bidlet il-mobile taghha tlett darbiet f'temp qasir meta, fl-ewwel perjodu l-impjegat ruhha mar-rikorrenti hlief tokrob il-mizerja ma kinitx taghmel.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lii din l-Onorabbli Qorti sabiex in vista tal-premezz:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimati jew minn minnhom ilhom sa mill-bidu nett tal-impjieg tal-intimata mar-rikorrenti jimmizappropjaw kemm flejjes kif ukoll stocks ta' medicini, kosmetici, fwejjah, toiletries u hwejjeg ohra mibjugha jew offerti ghall-bejgh mill-farmacija proprjeta ta' u gestita mir-rikorrenti.

2. Tillikwida l-ammont hekk mizzapproprjat kemm ghal dak li ghandu x'jaqsam flejjes kif ukoll dak li ghandu x'jaqsam ma' stocks u dana jekk hemm bzonn permezz ta' periti li jigu nnominati ghal dan l-iskop.

3. Konsegwentement tikkundanna lill-intimati jew minn minnhom u in solidum bejniethom ihallsu lir-rikorrenti in linea ta' danni dik is-somma li tigi hekk illikwidata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru mahruga mir-rikorrenti kontra l-intimati fis-7 ta' Frar, 2011 kif ukoll bl-ispejjez li r-rikorrenti kienet kostretta tidhol ghalihom biex tkun tista' ggib il-prova tas-serq u l-mizappropprazjoni ppercepita kontra taghha u ukoll bl-ispejjez legali li kienet kostretta thallas u ghad trid thallas 'il quddiem bhala parte civile fil-kawza kriminali li giet miftuha minnha kontra l-intimata u li tinsab pendenti quddiem il-Magistrat Dr. Antonio Mizzi, u b'dawk l-ispejjez ukoll li kienet kostretta thallas u li ghad trid thallas lil accountant taghha minhabba l-akkadut u bl-ingunzzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. IIII qabel xejn l-intimat Vincent Bondin ghandu jigi mehlus mill-harsien tal-gudizzju u dana billi hu ma kellu xejn x'jaqsam mal-fatti hekk kif esposti fir-rikors mahluf

promotorju u jichad kategorikament l-allegazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tieghu fil-premessa numru hdax [12] tar-rikors mahluf promotorju;

2. Illi l-konvenuti jqisu l-pretensjoni attrici hekk kif ikkontenuta u dedotta fir-rikors mahluf promotorju bhala wahda infondata fil-fatt u fid-dritt u per konsegwenza ghandha tigi michuda minn din il-Qorti;

3. Illi, fi kwalunkwe kaz u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-attrici trid tipprova fl-ewwel lok l-ammonti li hija qieghda ssostni li gew derubati lilha u fit-tieni lok li dawn l-ammonti effettivament ittiehdu mill-konvenuta Fiona Bondin u dana a tenur tal-principju procedurali "incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat";

4. Illi, minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz, il-pretensjoni tal-attrici hekk kif rizultanti mill-ammont imnizzel minnha fil-mandati ta' sekwestru kawtelatorju gia mressaq minnha hija wahda esagerata;

5. Salv difizi ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Provi**

Illi r-rikorrenti qeghda tallega li l-intimata, Fiona Bondin wettqet mizappropriazzjoni fil-konfront taghha, meta l-intimata kienet impjegata bhala salesgirl maghha fl-ispizerija The Cross Pharmacy, numru 859, Triq il-Kbira San Guzepp, gewwa l-Hamrun, f'liema spizerija, l-attrici kienet topera wkoll Beauty Therapy Centre. Qieghed jigi sostnut mill-attrici li l-intimata kienet tapproprja ruhha kemm minn flus kif ukoll minn stock li taghhom il-konvenuta ma hallsetx, filwaqt li jinghad fil-konfront tal-intimat, zewg l-intimata, ghandu wkoll jigi mizmum responsabbli ghad-danni, peress li ma setax ma jindunax meta nxtraw hafna affarijiet ta' certu valur, u ghalhekk jigi argumentat li bilfors kien komplici ma' martu f'dan is-serq.

Mill-provi saljenti migbura fl-atti jirrizulta, li l-attrici esebiet ix-xhieda migbura quddiem il-Qorti tal-Magistrati, fil-kawza kriminali li l-Pulizija Ezekuttiva fethet kontra l-intimata, dwar l-istess allegazzjonijiet ta' serq imressqa mill-attrici fil-konfront tal-intimata. Fosthom wiehed isib ix-xhieda tal-Ispettur Ian Abdilla, li xehed li wara li sar rapport mill-konsulent legali tal-attrici, Dr Kenneth Grima, fejn gie rapportat kaz ta'

mizapproprjazzjoni jew serq da parti ta' Fiona Bondin, Mario Vella, dak iz-zmien partner tal-complainant, tah kopja ta' CCTV li minnu deher car x'kienet qeghda taghmel l-istess Fiona Bondin, fejn hadet flus mill-cash till u titfaghhom fil-but tal-gakketta u wara tmur titfaghhom fil-basket, kif ukoll pilloli u oggetti ohra li ukoll kienet titfaghhom fil-basket taghha. Wara dan l-ispettur ottjena l-mandati mehtiega sabiex arresta l-imputata Fiona Bondin minn fejn kienet tahdem fi Cross Pharmacy stess. Wara li nghatat twissija li kellha dritt tkellem avukat taghha qabel tigi nterrogata mill-pulizija, hija inizjalment cahdet l-akkuzi maghmula fil-konfront taghha, izda meta konfrontata bic-CCTV footage, ammettiet biss ghal dak li rrizulta mic-CCTV, peress li qalet li bdiet taghmel dawn l-affarijiet biss fil-granet li ghaddew u mhux qabel. Cahdet li kienet ilha tisraq u tiehu affarijiet mill-ispizerija ghal zmien twil u baqghet tinsisti li hadet biss ftit ewro bhala flus u ftit oggetti. Giet ipprezentata l-istqarrija ffirmata mill-imputata Fiona Bondin, kif ukoll il-flokk li fih kienet tahbi l-affarijiet, il-handbag tal-imputata u oggetti medicinali ohra li nstabu fid-dar tal-imputata, fosthom Panadols, Viagra ecc. u 21 euro li nstabu fuq l-imputata, li hija stess qaltilhom li kienu parti mill-flus li kienet serqet fl-istess gurnata meta giet arrestata. Irrizultalu wkoll li meta l-vittma nfurmat lill-imputata li CCTV ma kienx qed jahdem, mentri fir-realta kien qieghed jahdem, fejn l-ammont ta' attivita u fil-mod ta' serq zdiedet u dan kif jidher mill-istess video. Gie nterrogat ukoll ir-ragel tal-imputata fejn innega u deher sorpriz b'dak li kienet qeghda taghmel il-mara.

Xehed PS Gordon Borg li kien prezenti ghall-arrest ta' Fiona Bondin, li kkonferma dak li ntqal mill-Ispettur Abdilla u qal ukoll li minn tfittxija li saret fil-vettura tal-imputata ma nstab xejn. L-istess jinghad minn WPC Marcelle Mifsud li wkoll kienet prezenti ghall-arrest u li wettqet it-tfittxija fuq il-persuna ta' Fiona Bondin u fil-bwiet tal-gakketta sabitilha 5 ewro karti, 10 ewro karti, flimkien ma' sitt muniti ta' 2 ewro Mit-tfittxija mill-handbag u mill-vettura tal-imputata rrizultat fin-negattiv. Mentri minn tfittxija fir-residenza tal-imputata, wara li giet mistoqsija kellhiex xi medicinali fil-pussess taghha, hadithom f'boxroom minn fejn harget diversi medicini.

Meta x-xhud Mario Vella, partner tal-attrici, xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati, huwa qal li l-intimata kienet cemplet lill-attrici biex tara jekk ghandhiex xi xoghol u peress li l-attrici kienet ilha tafha minn mindu kellhom sittax-il sena u kellha bzonn l-

ghajnuna, dahlitha tahdem maggha. Huwa jiddeskrivi li kellhom fiducja kbira fiha u filwaqt li l-gharusa tieghu kienet taqdi lill-klijenti taghha fil-beauty salon fuq in-naha ta' wara tal-ispizerija, l-intimata kienet tiehu hsieb il-klijenti fl-ispizerija, kienet taqdi n-nies, kif ukoll tiehu hsieb il-cash u thallas lis-suppliers permezz ta' cekk li kien ikun fil-kexxun lest ghalihom. Hija kienet l-uniku impjegata li kellhom fiz-zmien in kwistjoni u bdew jithassbu meta bejn Novembru 2008 u April 2010, meta l-kont tal-bank beda dejjem niezel, tant li kellhom jaghmlu numru ta' bank transfers minn kont iehor. Vella jispjega li kienu joperaw l-ispizerija permezz ta' kont bankarju li fih kienu jsiru id-depoziti prattikament kull gimgha, kif ukoll kien jintuza biex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-ispizerija. Huwa ddeskriva xenarju fejn l-ispizerija li kienet ilha topera ghal 8 snin kellha l-bejgh dejjem tiela, izda li dan waqaf tiela minn meta kienet impjegata maghhom is-sinjura Bondin. Fl-ahhar tal-gurnata kienet tittiehed X reading, filwaqt li fl-ahhar tax-xahar kienet tittiehed Z reading, li wkoll bdew jindikaw li s-sales kienu nezlin. Fil-fatt minn ezercizzju li sar ta' stock taking, l-accountant tal-attrici, John Falzon, rrizultalu li kien hemm diskrepanza ta' madwar €49,000, filwaqt li kien hemm diskrepanza ta' 'l fuq minn €3,000 fil-kaz tal-mobile cards. Diskrepanza fil-cash kien fl-ammont ta' €107,031.

Wara li rrizultaw dawn id-diskrepanzi, gie deciz li tigi nstallata CCTV bi tnax-il camera minn angoli differenti, ghall-habta ta' Dicembru, 2010, peress li kellhom suspett li kien qieghed ikun hemm xi serq min-nies li jigu fl-ispizerija. L-intimata kienet taf bl-installazzjoni tal-cameras. Vella jghid li kien qieghed jikkontrolla x'kienu qeghdin jaghmlu n-nies meta ra lill-intimata timxi lura u taghmel idha fil-but. Qabad jara camera minn angolu differenti u raha tiehu l-flus, taffiga fejn il-magna tal-flus u titfaghha fil-but. Mill-camera vicin l-istore raha titfa stock fit-basket, xi drabi anke kaxxa shiha, filwaqt li f'okkazjonijiet ohra kienet tiehu prodotti ghall-bejgh minn fuq l-ixkaffef, tipprovahom u imbaghad titfaghhom fil-basket, jew tiekol u tixrob minnhom. Dan kien ghall-habta ta' Jannar 2011 u kellem lill-konsulent legali tieghu, li kiteb ittra lill-Ispettur u sussegwentement hadlu d-DVD tac-CCTVs li ttiehdu bejn l-10 ta' Jannar, 2011 u s-7 ta' Frar, 2011. Huwa jghid li minnu jirrizulta li kien hemm granet fejn l-intimata kienet tisraq bejn sitt darbiet u tmien darbiet kuljum, b'hekk hemm irrekordjat madwar 110 clips ta' serq. Meta waqfet tahdem maghhom l-intimata, l-bejgh tal-ispizerija rkupra u rega beda tiela'. Din ix-xhieda madankollu giet emendata

fis-seduta ta' wara, peress li x-xhud sussegwentement irrizultalu, li kien hemm numru ta' suppliers li kienu ghadhom ma thallsux. Mistoqsi mill-Qorti tal-Magistrati min kellu access ghall-cash, Vella rrisponda li kienu l-ispizjara, l-intimata u hu (meta kien imur l-ispizerija wara l-5pm wara x-xoghol) li kellhom access. In kontro-ezami Vella xehed li kienu hu u l-ispizjara biss li joperaw il-kont tal-overdraft tal-ispizerija, cekkijiet ma kenux jigu mhejjija mill-intimata, filwaqt li l-profitt marginali taghhom kien ta' 17% ghall-medicini u 20% ghat-toiletries.

Mix-xhieda tal-attrici Karen Sciberras quddiem il-Qorti tal-Magistrati, jirrizulta li hija kemm spizjara, kif ukoll beauty therapist u topera l-ispizerija bl-isem “The Cross Pharmacy and Health and Beauty Centre". Hija kienet taf lill-intimata ghal snin twal peress li meta kellha l-ewwel job f'Wied il-Ghajn, missier l-intimata kellu azjenda li ggib il-medicini u hija kienet iccemplilha ghall-ordni. L-attrici ghall-ewwel fethet beauty salon u wara xtrat permess ghal spizerija, ghalhekk fil-bidu impjegat beauty therapist biex toqghod fis-salon, filwaqt li hija kienet taqdi lill-klijenti tal-ispizerija. Ghalkemm damet thaddem zewg beauty therapists ghal perjodu ta' madwar sentejn kull wiehed, l-ahhar wahda kienet tiddejjaq taghmel xoghol iehor fl-ispizerija li l-attrici kellha bzonn ukoll. Kien hawn li l-intimata bghatet messagg lill-attrici tistaqsi ghal xi job u peress li din tal-ahhar kellha bzonn l-ghajnuna, qabdet cemplitilha. L-intimata bdiet tahdem maghha mal-ewwel, f'Novembru, 2008, u peress li kienet tafha, la talbitha CV u lanqas kondotta. Xoghol l-intimata kien li tipprezza, tistiva, tiehu hsieb l-istore, l-istock take, thallas lill-agenti permezz ta' cekkijiet li kienet thallilha l-attrici, u kellha hafna liberta.

Tghid ukoll li bdiet tinduna bid-diskrepanza kif ghamlu l-ewwel stock take u l-istess accountant taghha gibed l-attenzjoni li ghalkemm kellha hafna purchases, ma kellhiex daqshekk profitt. L-attrici bdiet tipprova tnaqqas mill-istock, izda bdiet ukoll taqa' lura fil-pagamenti, peress li ma kellhiex dak il-cash flow mehtieg. Kienet tghid lill-konvenuta wkoll li kienet sejra hazin. Hija kienet izzomm rendikont tal-bejgh u tghid li sat-2006 kienet tiela l-graph, u mbaghad wara li telghat, fit-2008-2009 nizlet, u nizlet aktar ghall-perjodu, 2009-2010. Kellha taghmel trasferiment ta' ammonti sostanzjali ta' flus, minn kont iehor personali li kellha fil-bank. L-accountant ma kellux spjegazzjoni ghajr li l-attrici kienet qeghda tinsteraq jew min-nies jew mill-impjegata,

izda l-attrici kienet tahlef ghall-konvenuta, u ghalhekk qalilha biex taghmel ii-cameras. Kien l-gharus taghha, Mario li kien wara x-xoghol jintefa jara l-films biex jara x'kien qieghed jigri. Tispjega li ghalkemm il-bicca l-kbira tal-cameras kienu jidhru, kien hemm xi tlieta jew erbgha mohbijin. L-intimata quddiemha kienet ferhet li gew installati l-cameras halli ma toqghodx il-hin kollu ghassa man-nies. Kien Mario Vella li raha taghmel mossa wara li qdiet lill-klijenta, ghaffget il-karta ta' €20 u tefghetha tigri fil-but li kellha fil-gakketta. L-intimata kienet tilbes dejjem l-istess gakketta, li kellha zewg bwiet u ghalkemm gieli kienet thoss is-shana, baqghet tinsisti li tilbisha. Minn fuq il-camera nqabbdet ukoll li sakemm kienet tmur fl-istore taghmel cafe, sakemm taghli l-kitla, titfa' xi haga fil-handbag. L-attrici haditha bi kbira peress li qatt ma stennietha minnha, l-aktar meta kienet tghidilha li sejra hazin u li ma tistax tifhem x'qed jigri u l-intimata ma kienet tghid xejn. Tghid li s-sales li minn €1,300, kienu nizlu ghal €700 jew €650 fiz-zmien in kwistjoni meta kien hemm Bondin impjegata maghha, u wara li telqet, regghu bdew jaqbzu l-€1,000. Meta skoprew x'kien qieghed jigri, talbu parir lill-avukat li qalilhom ikomplu jiffilmjawha, minkejja li kienu jafu li qeghda tisraq biex ikollhom il-provi. Damu jiffilmjawha ghal xi xahar u dejjem isibuha tiehu l-flus.

Xehed ukoll l-accountant tal-attrici John Falzon, li kien jaghti servizz tal-accountancy bhal VAT returns, financial statements u jissottometti returns tat-taxxa sa minn meta bdiet topera Karen Sciberras fl-operat taghha, ghalhekk parti minn xogholu kien li jzomm il-fatturi u li jigbor iz-Z readings. Huwa kien jaf lil Fiona Bondin bhala salesgirl peress li gieli nzertaha fil-hanut. Fil-bidu jiddeskrivi n-negozju tal-ispizjara li kellu l-volum tal-bejgh tiela bil-mod u li ma kellhiex daqshekk profit, peress li kellha hafna spejjez u ghalhekk ma kellhiex profitability fl-ewwel ftit snin. Fl-2010, l-ispizjara kienet avvicinatu peress li kienet qeghda tara li kellha problema li ghalkemm kien ikollha s-sales, izda ma kenitx qeghda tara l-flus taghhom. Ghalkemm intalab jivverifika, kellu xi problemi ta' sahha u mbaghad wara l-episodju ta' Jannar 2011, intalab johrog ir-rizultat tad-diskrepanza fl-istocks. Huwa spjega l-ezercizzju li ghamel biex jara l-istocks attwali, fejn taghmel kollox at cost, taqbad l-opening stocks (li kienu ghamlu l-attrici u l-intimata fl-ahhar tas-sena 2008) plus il-purchases (skond il-fatturi excluding VAT), plus il-promozjonijiet moghtija mis-suppliers (mehuda mill-invoices) u minn dak tnaqqas is-sales at cost (miz-Z readings tal-cash register) ghal

zmien sentejn sabiex tasal ezatt ghal stock position. Ghalkemm dawn kellhom suppost jaqblu, irrizulta li meta kkumpara l-closing stock li rrizulta mal-closing stock fiziku li ghamlu l-attrici u l-intimata, ir-rizultat kien negattiv, kemm ghas-sena li ghalqet 2009, kif ukoll ghal dik tal-2010. L-ewwel darba id-diskrepanza kienet ta' €49,000, li sussegwentement kienet riveduta ghal €41,323 (id-deficiency fl-istock fuq perjodu ta' sentejn bejn l-2009 u l-2010). L-istess diskrepanza rrizultat fil-kaz tal-mobile cards fejn ra l-bejgh li sar tal-mobile cards tul sentejn (inkluz l-element tal-VAT) u rrizultat diskrepanza ta' €3,721. L-ezercizzju dwar id-diskrepanza fil-cash ma sarx minnu izda minn Mario Vella li wrieh il-graph ta' kif nizlet tul iz-zmien li kienet impjegata Fiona Bondin. Fis-seduta sussegwenti pprezenta wkoll rendikont ta' cash shortage li kien hemm bejn 2009 u 2011, fejn hareg differenza ta' €117,235.

Gie ezaminat b'reqqa l-elenku esebit bhal Dok. KG1 a fol. 83 tal-process, li jirrifletti siltiet migbuda fuq CCTV camera, bejn l-10 ta' Jannar 2011 u s-7 ta' Frar, 2011, kif jirrizulta mid-DVD esebit fl-atti a fol. 82 tal-process, fejn l-intimata tidher diversi drabi tghaffeg il-karti f'idejha, titfa' l-flus fil-but, tirranga l-flus qabel ma ddahalhom fil-kartiera taghha, kif ukoll iddeffes diversi prodotti kemm medicinali, kif ukoll ta' sbuhija fil-basket taghha, li ma jhallu ebda dubju fil-fehma ta' din il-Qorti tal-agir delittwali da parti tal-intimata.

F'dawn il-proceduri xehed l-avukat Kenneth Grima u rat ukoll il-faxxikolu pprezentat mir-rikorrenti a fol. 90 et seq tal-process, li permezz tieghu l-attrici tressaq il-pretensjonijiet taghha fl-ammont ta' €159,764, in kwantu ghal €107,031 fi flus kontanti, (ibbazati fuq depoziti li saru fil-banek inqas matul is-snin 2009 u 2010 komparati mas-snin precedenti) in kwantu ghal €49,010 fi stock u €3,721 Mobile Cards (kif certifikati mill-accountant John Falzon), mizapproprjati mill-intimata.

Xehed f'dawn il-proceduri wkoll Mario Vella, prodott mill-konvenuti, li qal li beda jahdem full-time bil-paga, l-ispizerija tal-mara tieghu, fil-bidu tas-sena 2011, minn meta telqet l-intimata u li qabel kien ikun l-ispizerija wara li kien jispicca mix-xoghol li kellu qabel ma' entita differenti. Huwa kien imur jghin fl-ispizerija tal-partner tieghu billi jaqdi n-nies fl-ispizerija, fl-ahhar tal-gurnata jghoddu l-flus, jiktbu fil-ktieb tas-sales l-ammont, jaghlaq u kull gimgha jiddeposta l-flus il-bank fil-kont kurrenti tal-

attrici, xi drabi maghha u xi drabi wahdu, izda l-karti ta' depozitu dejjem kienet tiehu hsiebhom l-attrici. Qabel l-2011, ma kellux paga mal-attrici, izda kellu zewg jobs li minnhom faddal tant, li kellu l-flus mwarrba bizzejjed biex meta kien ikun hemm bzonn, kien jiehu mill-flus tieghu (li kien izomm f'kont Visa Gold li ghalkemm kien f'isem l-attrici kien ihaddem hu biss) u jittrasferihom ghall-kont tal-ispizerija. Kontijiet f'ismu ma kellux izda kien jopera bil-flus tieghu minn dan il-kont tal-Visa Gold, peress li anke l-paga tieghu kienet tidhol f'dan il-kont. Spejjez li kienu jaghmlu ta' natura personali kienu jithallsu kollha minn dan l-ahhar kont imsemmi u qatt ma kienu jsiru minn fuq il-kont tal-ispizerija. Jghid ukoll li l-accounts tal-ispizerija u tal-beauty salon jinzammu separati u filwaqt li l-kont fl-ispizerija johrog mill-cash register, fil-beauty salon, mill-ktieb tal-ircevuti jinhargu bil-miktub. Izda d-dhul tal-ispizerija u tal-beauty salon kien jigi depozitat fl-istess kont.

Jikkonferma li l-bilanc f'dan il-kont beda niezel peress li kull darba bdew jiddepositaw inqas milli suppost kienu qeghdin idahhlu, meta l-intimata kienet qeghda tisraq il-flus, u allura filwaqt li l-flus sabiex jinxtara l-istock baqghu hergin, kienu jidhlu flus fil-kont inqas minn qabel, minhabba s-serq. Mistoqsi kif huma ma ndunawx qabel, Vella jghid li ghall-ewwel kienu qeghdin jahsbu li qeghdin jistokkjaw izzejjed, imbaghad hasbu li kienu n-nies li qeghdin jisirqu, u qatt ma ghaddielhom minn rashom li kienet il-konvenuta peress li hija u l-attrici kienu ilhom is-snin hbieb kbar u ghalhekk kienu jafdawha bl-ghama u qatt ma ccekjawha. L-accountant kien qallu li jridu jiehdu hsieb li jigi ppancjat kollox fil-cash register, u meta kien ikun hemm hu wara l-5pm, kollox kien jigi ppancjat, izda mic-CCTV irrizultalu li dak li kien qieghed jinsteraq ma kienx jigi ppancjat. Mistoqsi r-raguni l-ghala damu sentejn biex tigi nstallata CCTV, qal li ma gietux f'mohhu jaghmilha qabel, peress li kienu jwahhlu li kien zmien fejn in-negozju kien sejjer hazin, izda mbaghad iddecieda li jinstalla s-sistema, peress li ma setghux jifhmu x'kien qieghed jigri. Il-filmati beda jarahom filghaxija, peress li is-sistema wara ftit ikun hemm over writing, fuq ta' qabel, Huwa dam ftit ma nduna x'kienet qeghda taghmel l-intimata, peress li inizjalment huwa ma kienx qieghed jiccekkja lilha sakemmm raha taghmel certu movimenti b'idejha, li gaghluh jissuspetta fiha u ghalhekk beda jiccekkja dak li qeghda taghmel l-intimata f'aktar dettal u beda jara s-sistema anke online mid-dar. Jirreferi ghad-DVD li fih hemm mitt shot fejn l-intimata nqabdet tisraq kuljum fuq medda ta' tliet gimghat u ghal-lista li

ghamel hu stess, fejn jiddeskrivi s-shots. Jispjega wkoll li ssetja r-recording sabiex kull darba tidher id-data u l-hin waqt li qeghda tigi rrekordjata. Huwa jikkonferma wkoll illi ghalkemm kien hemm ftehim fejn l-intimata setghet tiehu xi prodotti, b'dan illi kellha tinforma l-attrici u jitnaqqsilha mill-paga, mentri l-oggetti li hadet ma tnaqqas xejn mill-paga tal-intimata.

Vella jghid li hu hadem id-diskrepanzi li kien hemm fil-cash, izda wara sar ezercizzju wkoll mill-accountant. L-ezercizzju mwettaq minn Vella kien jikkonsisti billi jara x'deposits saru, x'sales ghamlu u wara qata' l-ispejjez biex ikollhom indikazzjoni ta' fejn qeghdin, izda l-figuri ezatti kellu l-accountant. Fil-kaz tas-sales maghmula dawn kienu jittiehdu miz-Z readings. Dwar l-andament tal-ispizerija fl-ewwel sitt snin tal-operat taghha, ma setax jikkumenta peress li mhux accountant. Izda jikkonferma li kien hemm differenza sostanzjali fin-numri tas-sales bejn meta kienet impjegata maghhom l-intimata u meta ma kenitx hemm hi. Jispjega wkoll li ghalkemm kien hemm xi xaharejn jew tlieta wara li telqet l-intimata fejn il-kont baqa' niezel peress li s-suppliers tal-prodotti kienu qeghdin jithallsu b'lura, izda miz-Z readings jirrizulta li wara, il-bejgh rega' beda jizdied. Cekkijiet ghas-suppliers Karen kienet tippreparhom u tiffirmahom, izda peress li kien ikollhom kreditu ta' bejn 30 u 90 jum, skond il-kaz, kienu jhallsu skond il-vantagg moghti lilhom.

Gie prodott ukoll l-accountant tal-attrici John Falzon quddiem din il-Qorti, li kkonferma li kien jara x'kien il-bejgh tal-attrici miz-Z readings, ii-purchases mill-invoice u xi rcevuti fiskali li kienu jsiru, sabiex ikun jista' jimla l-formola tal-VAT. Ghalkemm ma kienx lahaq ghamel ezercizzju meta xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati, meta xehed quddiem din il-Qorti qal x'kien ghamel u fil-fatt esebixxa ezercizzju li sar minnu, dwar il-projections ta' 3% fuq medda ta' tliet snin, ibbazati fuq l-actual performance tal-ispizerija (bejn l-2006 u l-2013), fejn ghalkemm it-trend fis-snin 2009 u 2010, ma kenitx wahda downward, suppost kienet upward, madankollu, rrizultalu a cash deficiency ta' €96,876 ghall-perjodu bejn l-2009 u l-2010. L-accountant fuq mistoqsija diretta ta' din il-Qorti, qabel li dawn il-kalkoli rigwardanti nuqqas fil-cash, kienu bbazati fuq it-teorija, izda fil-kaz tal-istock, kienu kalkoli proprji u pjuttost ezatti, minhabba l-istock take li kienet issir fizikament fl-ahhar ta' kull sena.

Spjega wkoll li l-kalkoli tieghu kienu bbazati fuq il-prezunzjoni li l-bejgh li kien isir kien jigi ppancjat kollu fil-cash register (bl-eccezzjoni ta' dak li nsteraq) u dan fuq l-informazzjoni li ghaddietlu l-klijenta, peress li hu ma kienx ikun prezenti fl-ispizerija. Spjega fid-dettal ta' kif inhadem l-istock, biex wasal ghall-konkluzjoni li l-physical stock take ma kienx qieghed jaqbel mal-figura tal-closing stock.

Xehdet ukoll l-attrici fejn spjegat li ghalkemm qabel kienet gharusa ma' Mario Vella, fil-perkors tal-kawza zzewgu. Huma qatt ma nvestew f'xi proprjeta flimkien, ikkonfermat li l-proprjeta li kellha kienet dik li xtrat fis-sena 2001, qabel ma nvestiet fl-ispizerija u ma xtrat ebda proprjeta ohra lanqas wara li zzewgu.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata pprezentata mill-konvenuta Fiona Bondin, li kkonfermat li bdiet tahdem mal-attrici ghall-habta ta' Novembru, 2008, fl-ispizerija "The Cross" fi Blata l-Bajda. Ghalkemm kienet tqatta' certu hin fl-ispizerija hija kienet tahdem hemm part-time bhala salesgirl u tghid li ma kellhix responsabbilita tal-istores, fejn kien jinzamm l-istock tal-medicini u oggetti ohra li tbiegh l-ispizerija. Kienet tidhol hemm bil-permess tal-attrici u dan meta jonqsu l-affarijiet minn fuq l-ixkaffef u meta kien ikun hemm bzonn li certu medicini jinghataw mill-ispizjara, jew kienet tohrog l-attrici sservi n-nies hi jew kienet tidhol gewwa ssaqsiha. Kwazi kull filghaxija kien jigi wkoll dak iz-zmien, l-gharus tal-attrici, (llum ir-ragel taghha) biex iservi lin-nies u jircievi l-hlas bhalma kienet taghmel hi. L-ordnijiet kienu jsiru mill-attrici, izda meta kienet tigi l-merkanzija, dan kien jiffirma ghaliha wiehed minnhom it-tlieta: l-attrici, Mario Vella jew hi stess. Tal-merkanzija kienu jithallsu daqqa b'cekk u daqqa fi flus kontanti u f'dan l-ahhar kaz ma kien jigi registrat xejn fil-cash register, izda kienu jaghmlu karta zghira ta' dak li thallas, li mbaghad kienet izzomm l-attrici. Fl-ahhar tas-sena kkonfermat li kienet tghin lill-attrici fl-ezercizzju li kien isir tal-istock take, izda l-attrici qatt ma qaltilha li sabet xi nuqqas fil-prodotti, izda kienet tghidilha jekk il-bejgh kienx qieghed jonqos jew jizdied. Tallega wkoll li l-attrici qaltilha li kemm kien ilu ma jahdimx Mario Vella, l-ispizerija kienet sejra lura, apparti li kien hemm granet fejn hija ma hadmitx u l-attrici kienet qaltilha li sabet l-affarijiet neqsin relatati ma' dak il-perjodu li hija kienet nieqsa. Issemmi wkoll li l-attrici kienet tghidilha li l-ewwel ma thallas kienu €900 kera fix-xahar u li kellha tiehu lura somma sostanzjali ta' flus minghand iz-ziju taghha. Hija tghid li kellha arrangament li setghet tiehu l-

oggetti mill-ispizerija u kienet thallas taghhom jew jinqatghulha mill-paga. Izda tammetti li kien hemm xi oggetti li hija hadet, minghajr ma qalet lill-attrici, kemm damet tahdem fl-ispizerija, izda li dawn l-oggetti ma kenux jaqbzu l-€1,000, peress li dawn kienu oggetti zghar.

In kontroezami, il-konvenuta tikkonferma li kienet habiba kbira tal-attrici u ghalkemm taf bl-ezistenza tal-videos mressqa mill-kontro-parti, tghid li hi ma rathomx u li apparti oggetti li hadet b'valur ta' €1,000, minghajr ma hallset taghhom, tichad li ghamlet xi haga ohra li biha setghet iddanneggjat l-attrici. Tichad li hadet ii-flus mit-till jew li hadet kaxex ta' medicini fil-basket taghha. Skond il-konvenuta l-attrici kienet tghidilha li l-affarijiet kienu sejrin hazin fl-ispizerija, izda dan fil-fehma taghha kien peress li Mario Vella kien nieqes mix-xoghol u ghalhekk in-negozju kien sejjer lura, izda wara kollox l-attrici ma kenitx tghidilha kollox.

Wara talba appozita, li permezz taghha, d-difensur tal-konvenuta talab li jressaq bhala prova rapport ta' accountant ex parte sabiex jirribatti l-provi ta' danni allegatament imgarrba mill-attrici, liema talba kienet milqugha, fl-ahhar zewg seduti xehed l-awditur Nicolai Balzan li ghamel rapport fuq il-Finanzi ta' Karen Sciberras, esebit bhala Dok. NB1, a fol. 389 tal-process. Huwa spjega li ghalkemm xtaq jaghmel studju komparativ, huwa inghata access biss ghad-dokumenti tas-snin 2009 u 2010 u stabilixxa li kien hemm losses migjuba 'l quddiem mis-snin ta' qabel fl-ammont ta' €100,000, u li kien hemm profitti ta' €12,000 ghas-sena 2009, u li ghas-sena 2010 kien hemm rappurtat telf. Il-percentagg ta' profitt rappurtat ghal dawn is-sentejn partikolari ta' 16% u 11.9% rispettivament kienu relattivament baxxi. Ikkonferma li kien hemm numru ta' injections minn kontijiet ta' banek ohra, fit-total ta' €56,000, (hekk kif elenkati f'Dok. NB1) liema cash injections certament saru sabiex jinxtara l-istock, apparti depozitu ta' zewg cekkijiet fl-ammont ta' €3,500 u €7,000 rispettivament. Ghalhekk ma jistax jinghad li fl-istess hin, kien hemm cash injection u diskrepanza fl-istock u jinghaddu flimkien, altrimenti dak isarraf f'double accounting u allura wiehed kellu jiehu jew wiehed jew l-iehor sabiex jasal ghal diskrepanza attwali. Ghalhekk huwa jispjega li l-fatt li sab li kien hemm telf precedenti ta' €100,000 u f'dawk is-sentejn li hadmet il-konvenuta, irrizulta qliegh ta' €11,000, jaraha difficli li kien hemm serq ammontanti ghal €100,000. Dan ix-xhud inghata permess mill-Qorti

sabiex ikollu access ghas-snin precedenti u ghas-snin sussegwenti sabiex ikun jista' jaghti stampa aktar cara ta' dak li kellu sa' dak il-mument u dan fl-ahjar interess tal-partijiet.

Rat it-tieni rapport ta' Dr. Nicolai Balzan esebit fl-atti a fol. 392 tal-process li fih jikkonkludi:

> Finally, the total net deposits from 2007 onwards (prior statements were not available) always exceeded declared sales for the year inclusive of VAT. This is after having deducting cash injections made by Mr. Mario Vella into the business' bank accounts. This points at under-declaration of sales for VAT and Income Tax purposes since more money was deposited than generated.
>
> Attached are detailed sheets listing the findings from the financial records of the business substantiating the above. From the attached schedules, the inconsistencies and unreliability in the accounting of the business is evident. My conclusions on the issue are that the accounting records are unreliable to substantiate the claim made by Ms. Sciberras and show that there have been under-declarations made by the business for VAT and taxation purposes and in the light of this it is impossible to quantify the value allegedly stolen by Ms. Bondin.

Meta mistoqsi dwar il-pretensjonijiet attrici, huwa jixhed li filwaqt li l-kalkoli kellhom isiru a bazi tal-cost price, mentri mill-file li ra, il-kalkoli saru fuq is-selling price. Dan apparti li normalment l-average margin tal-ispizjara huwa ta' bejn 20 u 22%, mentri fil-kaz tal-attrici rrizultalu li l-percentaggi bejn l-2005 u l-2007 kienu jvarjaw bejn 18.79% u 6.93%, li huma ferm inqas mill-margin li huwa normali fis-suq, fit-2008 kien hemm negative gross profitt ta' 2.74%, li bazikament ifisser li l-ispizerija kienet qeghda topera b'telf. Imbaghad bejn l-2009 u l-2010 meta kien hemm impjegata l-konvenuta dan il-percentagg tela ghal 16.14% u 11.91% rispettivament, li kien xorta wiehed baxx. Sussegwentement il-percentaggi fl-2011 u 2012 sparaw 'il fuq ghal 35.45 u 37.76% li min-naha l-ohra huma esageratament gholjin. Minn din l-analizi kkonkluda, li fis-snin ta' qabel kien qieghed jigi dikjarat inqas introjtu ghal skopijiet ta' taxxa. Dan, fil-fehma tieghu, jirrizulta wkoll mill-fatt li dejjem kien qieghed jigu depozitati flus aktar milli ddikjarati, (dan wara li tnaqqsu l-cash injections maghmula mis-sur Vella) li bazikament jindika bejgh mhux iddikjarat. Il-pretensjoni attrici ammontanti ghal €109,000 hija fil-fehma tieghu esagerata u li huwa impossibli li tikkwantifika l-mizapproprjazzjoni li sehhet bil-figuri li hemm. L-uniku mod li wiehed

jista' jkollu stampa cara sabiex tinhadem figura ezatta huwa billi jsiru l-accounts mill-gdid billi tmur lura, terga ddahhal ix-xiri kollu, terga ddahhal il-bejgh kollu b'mod reali jew tassumi li d-depoziti li saru jirraprezentaw il-bejgh kollu li sar, li jista' jkollu l-implikazzjonijiet tieghu.

Ma sar ebda kontroezami ta' dan ix-xhud da parti tal-attrici.

**Konsiderazzjonijiet**

In tema legali jinghad li l-azzjoni attrici tinbena fuq il-parametri tal-azzjoni delittwali u l-effetti li jitnisslu minnha. L-artikolu 1033 tal-Kodici Civili jippreskrivi illi:

> Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk.

Huwa stabbilit fil-gurisprudenza li l-elementi rikonoxxuti ta' azzjoni delittwali huma tlieta: "(1) un fatto illecito (2) l'imputabilita' di questo fatto al suo autore (3) un danno cagionato da questo fatto" (**BaudrieLacantinerie: Delle Obbligazioni**, Vol. IV p.555).

Wiehed ghandu jzomm f'mohhu li l-ligi stess tipprovdi li l-proceduri kriminali u dawk civili, dwar l-istess fatt, jitmexxew ghal rashom. Fil-kawza **Carmelo Camilleri vs Gejtu Cassar**, deciza fl-1 ta' Dicembru 1955, inghad hekk:

> Mill-principju sancit fl-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali, jigifieri tal-ezercizzju taz-zewg azzjonijiet, tidderiva biss il-konsegwenza illi l-provi tal-azzjoni simili ghandhom isiru ex integra quddiem il-Qorti Civili kompetenti, u dawk tal-azzjoni kriminali; anke ex integra quddiem il-Qorti Kriminali; pero xejn ma josta illi jsir il-konfront bejn dawk il-provi, ghall-fini ta' attendibilita' taghhom u tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja.

Minbarra dan, huwa maghruf u accettat li l-grad tal-prova li ghandha ssir fiz-zewg proceduri hija differenti wkoll. Kif kellha okkazjoni din il-Qorti, diversament preseduta, tafferma fis-sentenza taghha tat-28 ta' April 2004, fl-ismijiet **Giordmaina Medici vs Rizzo**:

> ... il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet.

Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence Cauchi et vs Dr Patrick Spiteri et** deciza fil-11 ta' Novembru, 2011, inghad mill-Qorti tal-Appell illi:

> Fil-kamp civili l-gudikant ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex u mhux fuq semplici possibiltajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet. Dak li hu necessarju hu jekk spjegazzjoni hix verosimili.

Il-Qorti ghandha taghti l-gudizzju taghha fuq dak li jirrizultaha mill-atti. Inoltre kif ritenut minn din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza taghha tas-26 ta' Settembru, 2013, fl-ismijiet **Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**:

> illi huwa accettat li biex persuna tista' tinsab responsabbli ghall-hsara li haddiehor ikun garreb bl-ghemil ta' dik il-persuna, m'huwiex mehtieg li l-ghemil wahdu ta' dik il-persuna ikun il-kawza wahdanija tad-dannu mgarreb, ghaliex bizzejjed jintwera s-sehem ta' dik il-persuna bin-negligenza jew bir-rieda taghha biex jintrabat maghha l-piz tar-responsabbilta' ghal dak li jkun gara. Izda biex is-sehem ta' dik il-persuna jnissel il-htija u r-responsabbilta' li tigi maghha, jehtieg jintwera (mill-parti li tallega d-dannu u bi prova tajba kif tistenna l-ligi) li dik il-htija nisslet id-dannu attwalment imgarrab u li tali dannu jkun imkejjel u ppruvat b'mod cert. Ir-rabta tal-kawzalita hija mehtiega tabilfors;

Filwaqt li din il-Qorti taqbel fis-shih ma' dawn il-principji u taghmilhom taghha, jinghad ukoll li fil-kaz odjern jehtieg li l-parti attrici mhux biss tipprova l-fatt jew l-eghmil li bih tixli lill-konvenuti, izda wkoll li kien l-eghmil taghhom, li wassal ghall-hsara mgarrba minnha.

Applikati dawn il-principji ghall-fatti rizultanti mill-atti fil-kawza odjerna, jinghad li l-attrici sehhilha tipprova sal-grad mehtieg mill-ligi, li l-konvenuta kienet tassew tisraq kemm il-flus, kif ukoll oggetti ohra varji mill-ispizerija taghha u hawnhekk issir referenza ghall-prova nkonfutabbli li saret permezz tad-DVD, li din il-Qorti kellha okkazjoni tara u minnu jirrizulta car li l-konvenuta kienet qeghda twettaq l-imsemmija mizappropriazzjoni, agir illegali li wassal lill-attrici sabiex certament issofri danni.

Huwa ritenut li kull impjegat ghandu jservi li l-principal tieghu bil-bona fide u li jkun leali fil-qadi ta' dmirijietu u dana peress li apparti d-dmirijiet kuntrattwali, impjegat huwa wkoll meqjus bhala fiducjarju meta jkun fdat bir-responsabblita tad-dhul li jkun qieghed jaghmel dak in-negozju (artikolu 1124A tal-Kodici Civili). Meta l-impjegati jkollhom kontroll fuq il-qliegh li jkun qieghed jaghmel negozju, certament l-istess

impjegati jkollhom dmir li jharsu l-interessi ta' l-istess negozju li jkun qieghed jipprovdilhom l-impieg. (Ara f'dan il-kuntest is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, tas-16 ta' Jannar, 2015, fl-ismijiet **Marthese Abela et vs Nicola Winter**).

Min-naha l-ohra, jirrizulta li l-intimat Vincent Bondin qatt ma kien impjegat mar-rikorrenti u li, kuntrarjament ghall-intimata l-ohra, ma ttiehdu l-ebda proceduri kriminali fil-konfront tieghu. Il-Qorti wara li gharblet il-provi prodotti taghraf illi ma jirrizulta ebda prova da parti tal-attrici li turi l-involviment tal-intimat Vincent Bondin fil-kawza odjerna.

Ghalhekk isegwi li l-ewwel eccezzjoni tal-intimati tirrizulta misthoqqa.

Trattat il-kap ta' responsabbilta, imiss l-ezercizzju tal-kwantifikazzjoni tad-danni. Id-diffikulta li rrinfaccat din il-Qorti, huwa kif ghandu jigi kkalkolat l-ammont ta' flus jew il-valur tal-oggetti mizapproprjati da parti tal-konvenuta, li jwassal ghal quantum tad-danni li baghtiet l-attrici, konsegwenza tal-agir illecitu da parti tal-konvenuta.

Permezz tal-video gie stabbilit ezatt x'kienet qeghda taghmel il-konvenuta. Konsiderazzjoni li trid issir hija li dan il-video kien qieghed jirrifletti l-agir tal-konvenuta, li fuq medda ta' 27 gurnata kien hemm 20 minnhom li fihom serqet, xi drabi aktar minn darba fl-istess gurnata, kif ukoll l-elenku ta' affarijiet u flus mizapproprjati mill-konvenuta, hekk kif imressqa mill-attrici, li ma gewx kontrastati b'xi prova konvincenti. Mill-osservazzjoni li saret tal-video, jirrizulta li l-agir tal-konvenuta jindika li hija kienet tisraq ripetutament u mhux xi darba jew darbtejn. Tqis ukoll inverosimili u xejn kredibbli dak li tixhed il-konvenuta li hija kienet hadet biss minghand l-attrici oggetti li jiswew b'anqas minn €1,000 u mhux flus meta mill-istess video tac-CCTV installat fl-ispizerija, esebit in atti, jirrizulta mod iehor.

Ghalkemm jista' jkun kif tghid l-attrici li dan l-agir da parti tal-konvenuta, kien qieghed jitwettaq sa minn meta dahlet tahdem maghha, madankollu l-provi rigward id-danni mgarrba, mressqa mill-attrici huma al kwantu kunfliggenti. Dan qieghed jinghad mhux biss a bazi tal-istess provi mressqa mill-attrici, li fil-kaz tad-diskrepanza fil-cash, li a fol. 75 l-accountant tal-attrici jghid li kien fl-ammont ta' €117,235, a fol. 90 l-

attrici tikkontendi li l-ammont misruq mill-konvenuta huwa ta' €107.031, filwaqt li l-accountant taghha jixhed li dan kien jammonta ghal €96,786 (a fol. 303 tal-process), izda wkoll a bazi ta' kunsiderazzjonijiet imressqa mill-awditur mahtur ex parte da parti tal-konvenuta, kif imsemmija qabel, ritenuti xierqa minn din il-Qorti. Hekk ukoll is-stock shortage li bih l-attrici tirritjeni l-konvenuta responsabbli, jvarja bejn €41,323 u €49,012.

In vista tar-rapporti kontrastanti li ressqu bhala prova l-kontendenti fil-kawza, huwa ritenut illi d-danni mgarrba mill-attrici, konsegwenza tal-mizapproprjazzjoni mwettqa da parti tal-konvenuta, ghandhom jigu likwidati arbitrio boni viri u dan minhabba d-diffikultajiet li ssemmew qabel. Kif inghad mill-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tad-29 ta' April, 2016, fl-ismijiet **Wilhelmina Abela noe vs Alex Ciantar et**:

> Hu veru li l-Qrati ghandhom il-fakolta jillikwidaw danni arbitrio et boni viri; fil-fatt, fil-kawza Attard v. Frendo, deciza minn din il Oorti, Sede Inferjuri, fit-30 ta' Jannar, 2003, gie osservat illi:
> "Fic-cirkostanzi l-Qorti jidhrilha li ghandu jkun hemm temperament bl-applikazzjoni tar-regola stabbilita anke minn gurisprudenza maghrufa illi fejn il-provi fir-rigward ta' l-ammont tad-danni ma humiex tant lineari jew ben stabbiliti jew f'kaz ta' nuqqas ta' mezzi probatorji l-ammont ghandu jigi ffissat ex aequo et bono mill-gudikant (VOL.XXXV.iii.615).
> Jibqa' l-fatt, pero, li kien dover tas-socjeta attrici li tipprova, b'mod kemm jista' jkun preciz, l-ammont ta' danni li garbet bl-agir tal-parti l-ohra.

F'dan ir-rigward, jinghad illi l-provi attrici rigward il-pretensjonijiet taghha ghas-somma dovuta mill-konvenuta, mhumiex daqstant konvincenti ghall-estent tal-ammonti reklamati minnha u ghalhekk fil-likwidazzjoni li trid issir, qeghdin jigu kkunsidrati l-konkluzjonijiet rispettivi milhuqa mill-professjonisti li ressqu r-rapporti taghhom ghall-klijenti rispettivi taghhom, kif ukoll il-fatt li gie ppruvat indubbjament li fuq medda ta' 27 gurnata, il-konvenuta serqet zgur mal-20 darba, li jwassal lill-Qorti ghall-konvinciment li l-agir tal-konvenuta tabilhaqq kien ilu jigi perpetrat ghal certu tul ta' zmien u b'mod regolari. Tenut kont ta' dak li nghad li jista' jkun rilevanti, l-Qorti thoss li ammont ragonevoli li ghandu jigi likwidat favur l-attrici, hu dak ta' €50,000.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u tillibera lill-konvenut Vincent Bondin mill-harsien tal-gudizzju, peress li ma giex ippruvat li kellu x'jaqsam mal-mizapproprjazzjoni mwettaq mill-konvenuta;

Tilqa' l-pretensjonijiet attrici limitatament fil-konfront tal-konvenuta Fiona Bondin, billi tiddikjara li hija kkommettiet mizapproprjazzjoni ta' flejjes, medicini u oggetti ohra mill-proprjeta tal-attrici, bil-konsegwenza li kkagunat danni lill-attrici;

Tillikwida l-ammont hekk mizapproprjat, kif ukoll in linea ta' danni fis-somma ta' €50,000, bl-imghax dekorribbli mid-data tas-sentenza, li fiha qeghda ssir il-likwidazzjoni;

Spejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal sehem minn hamsa mill-attrici (1/5) u in kwantu ghal erbgha minn hamsa (4/5) mill-konvenuta Fiona Bondin.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur